# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2018**

**Rikors Numru 997/16 FDP**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru 997/16**

**Fl-ismijiet**

**Automated Revenue Management Services Ltd**
**(C 460554)**

**vs**

**Peter Arrigo**
**( 532151M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis 17 ta' Mejju 2016 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti s-segwenti:

*Illi dan ir rikors qieghed issir wara l-ittra ufficjali fuq citata u cioe 997/16 bl-ismijiet inversi hawn annessa bhala Dok A, liema ittra saret a bazi tal-Artiklu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi fl-ewwel lok t-talbiet tas-societa', intimata f'dawn il proceduri, huma infondati fil fatt u fid-dritt.*

*Illi fit-tieni lok, l-esponenti mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li mhuwiex sid il-fond li jinstab f'16, Triq Misrah Barrieri, Msida bin-numru tal-kont 101000230704 u dana kif ser jigi muri fil-kawza odjerna;*

*llli minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma' kellux pussess la legali u wisq inqas fiziku tal fond fuq imsemmi u dan ghal mill-inqas tlettax il-sena kif ser jigi muri*

*wkoll fil-mori tal-kawza u ghalhekk l-ammont pretiz mill-atturi zgur ma' jirrigwardax kontijiet li jirrisalu ghal zmien meta il-fond kien fil-pussess tal-esponenti;*

*Illi esponenti avza l-intimat b'diversi ittri u laqghat b'dawn il fatti u allura is-socjeta intimata hija ben konxja tal-fatti suesposti;*

*Illi piu' l-esponenti huwa mgharraf illi fond fuq imsemmi kien ta' Maria Farrugia (illum mejta) u li di illum jappartjeni lill-aventi causa taghha u cioe', Francis, sive Frans Farrugia, Gianni Farrugia, Anton Farrugia u Doris xebba Farrugia lkoll ahwa Farrugia u tfal ta' l-istess Maria Farrugia, u ghalhekk is-socjeta intimata kellha tipprocedi kontra dawn in-nies jew min minnhom wiret il fond in kwistjoni;*

*Ghaldagstant filwaqt illi l-esponenti igib a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti il-fatti suesposti, umilment jopponi ghat-talbiet tas-socjeta intimata u jitlob ukoll illi it-talbiet tal-istess societa intimata fl'ittra fuq citata, jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghha skont il ligi.*

Rat ir-risposta tas-socjeta Automated Management Services Limited datata 30 ta' Mejju 2016, fejn laqghet ghal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difizi:

*Illi fl-ewwel lok is-societa' Automated Revenue Management Services Limited ipprezentat l-ittra ufficcjali promotorja f'isimha propju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-Enemalta plc u Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-llma u ghalhekk fl-okkju ta' din il-procedura ghandha tigi indikata bhala Automated Revenue Management Services Limited pro et noe.*

*Illi sallum is-servizzi provduti mill-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-llma fil-fond, mertu ta' din il-procedura, ghadhom registrati f'isem msemmi Peter Arrigo u qatt ma saret xi applikazzjoni biex jigi trasferit dal-kont ghal fuq terzi u ghalhekk il-mittenti, fil-konfront tal-kont in kwistjoni, ghandha biss relazzjoni guridika ma l-istess Peter Arrigo.*

*Illi l-ittra ufficciali, imsemmija fuq hija allura valida u ghandha tigi reza esekuttiva kontra Peter Arrigo fl-ammont fuq indikat fl-istess u dan peress li jissussistu l-elementi kollha mehtiega ai termini tal-Art. 466 tal Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u kien propju minhabba f'hekk li s-Socjeta esponenti ghamlet uzu minn tali procedura.*

*Illi ghaldaqstant u b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-Socjeta' esponenti hija tal-fehma li din l istess Qorti ghanda tichad talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficcjali numru 997/2016 pprezentata ai termini tal Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala titlolu ezekuttiv fl-ammont ta' €1,359.58 kontra msemmi Peter Arrigo*

Rat l-atti tal-Ittra Ufficjali Nru 997/16 indirizzata lill-Peter Arrigo u mibghuta fil 25 ta' April 2016 illi kienet tghid is-segwenti:

*Bil-prezenti, is-socjeta' Automated Revenue Management Services Ltd (C46054), ta' 'Gattard House', National Road, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u ghan-nom tal-*

*Enemalta PLC u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-llma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni guramentata mmarkata bhala Dokument 'A', ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ged tinterpellak sabiex thallas is-somma ta' elf, tlett mija, disgha u hamsin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1,359.58), liema ammont huwa cert, likwidu u dovut u rapprezentanti bilanc dovut ghall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter ta u l-elettriku, spejjez amministrativi, connection u disconnection fees, flimkien ma mghax dovut fuq I-Ammont skont Ligi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000230704 ossia dwar il fond bl indirizz 16, Adidas, Triq Misrah Barrieri, Msida liema ammont jammonta elf, tlett mija, disgha u hamsin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1,359.58)*

*Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti ghall-hlas tal-ammont dovut, inti nqast milli thallas sal-gurnata tal-prezentata ta' din littra. Di piu' ma hemm l-ebda raguni valida ghal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.*

*Dan l-att qieghed jintbaghat lilek ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u fin-nuqqas ta pagament jew oppozizzjoni da parti tiegiek fit-termi tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kapitolu Artikolu 12 tal-Ligijiet ta Malta, il mittenti tghaddi biex tezegwixxi dan il-kreditu skont il-Ligi.*

Rat illi fis 7 ta' Novembru 2016, fuq talba tar-rikorrenti, gew kjamati in kawza Francis Farrugia, Gianni Farrugia, Anton Farrugia u Doris Farrugia.

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza Anthony Farrugia ippresentata fl-10 ta' Jannar 2017 fejn laqa ghal dak miltub billi qal is-segwenti:

*Illi it-talba tal-kjamata in kawza fir-rigward tieghu hija infondata fil fatt u fid-dritt kif ser jirrisulta ampjament matul is-smigh tal-kawza.*

*llli Peter Arrigo kien jikri l-fond minghand Francis Farrugia u jiggestixxi l-fond kummercjali numru 16 Adidas, Triq Misrah il-Barrieri, Msida li kien gestit b'mod kummercjali ghall-beigh ta' prodotti sportivi. Illi l-konsum tad-dawl kien irregistrat f'isem l-attur Peter Arrigo kif jikkonferma dokument AF1 anness.*

*Illi kif jikkonferma dokument AF2 l-imsemmi fond gie akkwistat mill-esponenti Anthony Farrugia permezz ta' kuntratt datat 10 ta' Dicembru 2013 fejn huwa akkwista nofs indiviz tal-imsemmi fond sabiex sar proprietarju flimkien u fi kwota ndaqs ma' ohtu Doris Pace.*

*Jsegwi li ma hemm ebda responsabilita u hlas li jista jkun dovut mis-sidien eventwali tal-fond meta l-hlas ta' arretrati ta' servizzi huma hlasijiet dovuti waqt l-kirja u l-uzu tal-fond mir- rikorrent Peter Arrigo innifsu.*

Rat illi John Farrugia, Frans Farrugia u Doris Farrugia gew notifikati bil-pubblikazzjoni u affissjoni.

Rat illi fis-26 ta' Gunju 2017 ir-rikorrent ceda l-kawza fil-konfront ta' John Farrugia.

Semghet ix-xhieda ta' **Reuben Bonnici**, rappresentant tas-socjeta Automated Revenue Management Services Limited, moghtija fis 26 ta' Ottubru 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentata.

Rat l-affidavit ta' **Peter Arrigo** ippresentat fis 26 ta' Ottubru 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija Ittra datata 21 ta' April 2008 indirizzata lic-Chairman tal-Enemalta (fol 38).

Rat l-affidavit ta' **John Farrugia** ippresentat fis 26 ta' Ottubru 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **Reuben Bonnici**, rappresentant tas-socjeta Automated Revenue Management Services Limited, moghtija fis 27 ta' Novembru 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentata.

Semghet ix-xhieda ta' **Anton Farrugia** moghtija fis-27 ta' Novembru 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **John Farrugia** moghtija fis 27 ta' Novembru 2017.

Semghet ix-xhieda ta' Peter Arrigo moghtija fis 27 ta' Novembru 2017.

Rat illi fit 22 ta' Jannar 2018 il-partijiet ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Rat illi fit 8 ta' Frar 2018 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent Peter Arrigo kien kera l-garage fl-indirizz nru 16, triq Misrah il-Barrieri, Msida minghand il-familja Farrugia.

Jirrizulta illi sussegwentement, fis-snin disghin huwa waqqaf il-kirja u rrilaxxja il-garage lura lill-familja Farrugia, izda il-meter baqa' qatt ma ddawwar fuq is-sidien, u ghalhekk baqa' jghajjat lilu.

Jirrizulta illi fis-sena 2008, precizament fil-21 ta' April 2008, tramite l-konsulent legali tieghu, huwa gharraf lis-socjeta Enemalta illi l-kontijiet tad-dawl in konnessjoni mal-fond fuq imsemmi ma kienux tieghu u ghalhekk ma kienx ser ihallas ghall-tali kontijiet.

Jirrizulta illi, madanakollu, fis-sena 2010, s-socjeta Enemalta pprocediet biex taqtalu d-dawl tar-residenza tieghu, u ghalhekk fl-1 ta' Frar 2010 dahal fi ftehim fejn hallas l-kontijijet kollha dovuti sa' dakinhar, illi kienu jammontaw ghal €1,090.66, liema somma kollha giet minnu mhallsa.

Jirrizulta, minn dokumentazzjoni tas-socjeta ARMS Limited, illi bejn il-11 ta' Mejju 2010 sas-27 ta' Jannar 2013, ghalkemm baqghu johorgu kontijiet, dawna kienu jigi regolarment imhassra.

Jirrizulta madanakollu, illi mis 27 ta' Jannar 2013 'l quddiem regghu bdew johorgu kontijiet fuq tali fond u, fis 16 ta' Lulju 2015, sabiex ir-rikorrent jevita illi jergghu jaqtghulu d-dawl, reggha hallas ammont ta' €300, sabiex il-bilanc ta' €1,422.86 gie ridott ghall €1,122.86.

Jirrizulta illi fis-6 ta' Novembru 2015, ir-rikorrent applika sabiex jitnehha l-meter, liema applikazzjoni kellha, bhala nota "*refer to attached approval from CEO*".

Jirrizulta, madanakollu, illi kontijiet baqghu jinhargu u sal-4 ta' Marzu 2016, ossija ftit qabel ma giet ippresentata l-ittra meritu tal-kawza odjerna, l-bilanc kien tela ghal €1,359.58, illi huwa l-import tal-Ittra Ufficjali li qieghed jikkontesta r-rikorrent.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-Artikolu 72 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 545.01 dwar il-Provvista ta' l-Elettriku jipprovdi illi:

> *"Ebda konsumatur ma jehles mill-obbligu tal-hlasijiet tal-hlas tal-meter jew tal-konsum f'lok imghammar minnu kemm-il darba u sakemm ma jaghtix avviz bil-miktub lic-Chairman fejn ifissirlu li ma bi hsiebux jibqa' juza l-kurrent elettriku minn dik id-data li tinghata minnu, u kemm-il darba u sakemm ma jkunx hallas kull somma ta' flus li l-konsumatur ikollu jaghti taht dawn ir-regolamenti:*
>
> *Izda l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista', mid-data stabbilita f'dak l-avviz, iwaqqaf il-provvista tal-elettriku u jnehhi l-meter.*"

Jirrizulta illi fil-21 ta' April 2008 ir-rikorrent kien gharraf lill-Korporazzjoni tal-Enemalta illi l-kontijiet ma kienux tieghu u ghalhekk ma kienx ser ihallas ghall-kontijiet dovuti. (fol 38)

Jirrizulta illi tali ittra kienet indikazzjoni cara illi r-rikorrent, bhala konsumatur, ma kienx bi hsiebu jibqa juza l-kurrent elettriku, u ghalkemm r-rikorrent kien jikkontendi illi huwa kien ilu li telaq mill-post aktar minn tnax-il sena qabel, l-ittra kienet indikazzjoni cara illi, ghall-anqas, mid-data tal-ittra l quddiem, r-rikorrent, bhala konsumatur, ma riedx jibqa juza d-dawl.

Jirrizulta illi, ghalkemm l-Enemalta, bhala operatur, kellha kull dritt illi, minn daknihar ta' l-ittra fuq imsemmija, twaqqaf il-provvista tal-elettriku u tnehhi l-meter, hija naqqset milli taghmel dan.

Jirrizulta illi, minflok ma' ghamlet dan, l-Enemalta baqghet tibghat kontijiet ghal-kera tal-meter lir-rikorrent, li sahansitra kellu jaghmel zewgt pagamenti in vista ta' tali fatt, wiehed ta' €1,090.66 fuq medda ta' erbgha pagamenti dettat mill-fatt illi kienu qatghulu d-dawl tar-residenza privata tieghu, u iehor ta' €300 sabiex jevita illi jergghu jaqtghulu d-dawl.

Jirrizulta illi l-pendenzi meritu tal-Ittra Ufficjali li qieghed jikkontesta r-rikorrent, huma kontijiet relatati esklussivament mal-kera tal-meter, stante illi konsum tad-dawl ma kienx hemm.

Jirrizulta illi tali kera ma kienetx tkun dovuta kieku l-korporazzjoni Enemalta agixxiet kien tippermettilha l-ligi u pprocediet biex taqla l-meter tad-dawl mid-data tal-ittra datata 21 ta' April 2008.

Jirrizulta, difatti, illi d-dritt illi jaqilghu l-meter jesisti indipendentement mill-fatt dwar jekk l-utent ossija konsumatur kien hallas il-kontijiet pendenti jew le, u l-ezercizzju ta' tali dritt kien certament jwassal ghall-inkonvenjent anqas lir-rikorrent, li kien gia gharrafhom illi huwa kien waqaf jopera mill-fond ghal madwar tnax-il sena qabel.

Jirrizulta car illi dak illi qieghed jintalab il-hlas tieghu huwa ghal servizz illi r-rikorrent kien gharraf lill-Korporazzjoni Enemalta illi huwa ma kienx qieghed jutilizza aktar, u dana peress ill jidher illi l-kont pendenti jirrigwarda kera tal-meter mit 8 ta' Frar 2013 'l quddiem, kif jidher fl-istatement ta' l-ARMS a fol 64 tal-process.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi bl-ittra datata 21 ta' April 2008, ir-rikorrent heles mill-obbligu tal-hlasijiet u ma ghandu ebda kont iehor x'jhallas lis-socjeta ARMS Limited, b'dan illi kwalsiasi

pagament iehor illi huwa ghamel minn dakinhar li baghat l-Ittra ’l quddiem, kif jidher illi saru mill-provi prodotti, kienu pagamenti illi huwa semmai ghandu dritt illi jirkupra unikament minghand is-sidien tal-fond inniffsu, ossija Francis Farrugia u Doris Farrugia, u mhux minghand is-socjeta ARMS Limited jew Enemalta.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata,

**Tilqa** t-talba rikorrenti u ghalhekk

**Tiddikjara** id-Dikjarazzjoni Guramentata datata 25 ta’ April 2016 u notifikata lir-rikorrent permezz ta’ Ittra Ufficjali datata 25 ta’ April 2016 bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha salv l-ispejjez ta’ Anthony Farrugia, illi ghandhom ikunu a kariku tar-rikorrenti Peter Arrigo.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur